



Brussell, 10 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

12828/22

LIMITE

AG 114
PE 104
INST 333
FREMP 186

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0902(APP)**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	9333/22
Suġġett:	Thejġġja tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-18 ta' Ottubru 2022 Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot universali dirett, li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom u l-Att li jikkonċerna l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali anness ma' dik id-Deċiżjoni - Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Fit-3 ta' Mejju, il-PE adotta abbozz ta' proposta leġislattiva għal Liġi elettorali ġdida¹, ibbażata fuq l-Artikolu 223 TFUE, flimkien ma' riżoluzzjoni li tiddikjara l-motivazzjonijiet. L-Att originali² jmur lura għall-1976 (modifikat fl-2002 u fl-2018, iżda l-aħħar reviżjoni għadha mhijiex fis-seħħ, minħabba nuqqas ta' xi ratifiki). L-Att tal-1976 fih prinċipji komuni li l-Istati Membri jridu jirrispettaw, mingħajr ma jiddefinixxu sistema elettorali uniformi madwar l-UE.

¹ Dokument Nru 9333/22

² Test konsolidat: ĠU L 283, 21.10.2002, p.1

2. Skont l-Artikolu 223 TFUE, il-PE għandu jfassal proposta f'konformità ma' proċedura uniformi fl-Istati Membri kollha jew f'konformità mal-prinċipji komuni għall-Istati Membri kollha. Il-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu f'konformità mal-proċedura leġislattiva speċjali u wara li jikseb l-approvazzjoni tal-PE, li għandu jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri komponenti tiegħu, għandu jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ wara l-approvazzjoni tagħhom mill-Istati Membri, f'konformità mal-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom. Jidħlu fis-seħħ l-għada li tasal l-aħħar notifika għand is-Segretarjat tal-Kunsill.
3. Il-karatteristiċi ewlenin tal-proposta attwali tal-PE huma:
- Sostituzzjoni tad-deċizzjoni b'Regolament;
 - Listi tranżnazzjonali għal kostitwenza madwar l-UE kollha: kull votant ikollu żewġ voti: wiehded biex jeleġġi MEPs fil-kostitwenzi nazzjonali, u wiehded biex jeleġġi MEPs f'kostitwenza konġunta, magħmula minn 28 siġġu addizzjonali;
 - Listi zipped li għandhom l-għan li jindirizzaw l-inugwaljanza bejn il-ġeneri;
 - Is-sistema *Spitzenkandidaten*: iċ-ċittadini jistgħu jivvutaw għall-President tal-Kummissjoni b'sistema ta' "kandidat prinċipali" permezz tal-listi għall-UE kollha;
 - Miżuri ta' armonizzazzjoni: id-9 ta' Mejju bħala l-jum komuni Ewropew ta' votazzjoni; ħinijiet għall-kampanji jew biex jiġu proposti listi; votazzjoni bil-posta, età tal-vot, età biex wiehded joħroġ bħala kandidat;
 - Limitu elettorali minimu ta' 3.5 % għall-kostitwenzi nazzjonali ta' aktar minn 60 siġġu; u
 - Il-ħolqien ta' Awtorità Elettorali Ewropea ġdida biex tissorvelja l-proċess u tiżgura l-konformità mar-regoli l-ġodda. Lil hinn mill-missjoni u l-kamp ta' applikazzjoni eżatti tagħha, din x'aktarx tqajjem mistoqsijiet dwar il-ġestjoni, il-finanzjament jew il-persunal tagħha.

4. Id-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Affarijiet Ġenerali (GAG) bdew taħt il-Presidenza Franċiża u komplew taħt il-Presidenza Ċeka. Dawn id-diskussjonijiet tekniċi preliminari indikaw sfidi speċifiċi madwar il-listi tranżnazzjonali, miżuri li għandhom l-għan li jarmonizzaw il-proċessi madwar l-UE (eż. vot postali, età tal-votazzjoni, jum ta' votazzjoni komuni), u l-ħolqien ta' Awtorità Elettorali ġdida. Il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet talbu parir mis-Servizz Legali tal-Kunsill biex jitfgħu dawl fuq in-natura tal-att legali li fuqu hija bbażata l-proposta għal Liġi Elettorali ġdida, il-konformità tiegħu mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u l-kompatibbiltà ta' wħud min-novitajiet tal-proposta mat-Trattati. Il-kontributi bil-miktub tad-delegazzjonijiet huma miġbura fid-dokument 11768/1/22 REV1.
5. F'dan l-isfond, il-Presidenza tqis li aktar ħidma tista' tibbenefika minn gwida politika u għalhekk ipprevediet dibattitu ta' orjentazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fit-18 ta' Ottubru. Biex tmexxi d-dibattitu ministerjali, il-Presidenza ħejjiet il-mistoqsijiet, li jinsabu fl-Anness għal din in-nota.
-

MISTOQSIJET TAL-PRESIDENZA GĦAD-DIBATTITU TA' ORJENTAZZJONI

1. Minħabba n-natura kumplessa tal-fajl, il-proċess ta' adozzjoni tqil, kif ukoll ix-xewqa qawwija tal-PE li jintroduċi bidliet fil-ħin għall-elezzjonijiet tal-PE li ġejjin f'Mejju 2024, il-Presidenza tħoss li huwa xieraq li f'dan l-istadju jkun hemm diskussjoni politika dwar xi wħud mill-karatteristiċi ewlenin tal-proposta.
2. Fil-Kunsill Affarijiet Ġenerali (KAG) tat-18 ta' Ottubru, il-Ministri huma mistiedna jiffokaw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:
 - a) Liema mill-bidliet proposti jixtiequ jaraw l-Istati Membri riflessi f'Liġi Elettorali għal elezzjonijiet futuri tal-PE, meta mqabbla mal-qafas leġislattiv attwali?
 - b) Liema elementi tal-proposta jqisu l-Istati Membri li huma aktar ta' sfida, b'kont meħud tal-oqfsa domestiċi rispettivi tagħhom, kif ukoll il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità?
 - c) L-iżgurar tal-istabbiliment ta' listi tranżnazzjonali ta' kandidati għall-elezzjonijiet Ewropej li jmiss f'Mejju 2024 hija karatteristika ewlenija tal-proposta tal-PE. X'inhuma l-fehmiet tagħkom dwar il-kunċett ġenerali tal-istabbiliment ta' listi tranżnazzjonali, is-sistema tal-kandidati prinċipali (Spitzenkandidaten) u l-iżgurar ta' bilanċ fir-rappreżentanza tal-Istati Membri fid-distribuzzjoni tas-siġġijiet?